# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

## Notifiki skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)

## Il-possibbiltà għal Stat Membru li jistipula bil-liġi obbligu li wieħed ikun fil-pussess jew iġorr miegħu karti u dokumenti skont l-Artikolu 21(c)

(2015/C 191/07)

IL-POLONJA

*Emenda għall-informazzjoni pprovduta mill-Polonja u ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 18 tal-24 ta' Jannar 2008*

F'konformità mal-Artikolu 288 tal-Att dwar il-Barranin, matul is-soġġorn tagħhom fil-Polonja barranin huma meħtieġa li jkollhom dokument tal-ivvjaġġar validu u, jekk meħtieġ, dokumenti li jawtorizzawhom joqogħdu jew jirrisjedu hemm-hekk. F'konformità mal-Artikolu 294 tal-Att dwar il-Barranin, barranin huma meħtieġa li jippreżentaw dawn id-dokumenti waqt il-kontrolli.